

31996D0524

30.8.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 220/27

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Lulju 1996

li tagħraf fil-prinċipju l-kompletezza tad-dokument mibgħut għal eżami dettaljat bil-ħsieb ta' l-inklużjoni possibbli ta' isoxaflutole fl-Anness I li jinsab mad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tikkonċerna t-tqegħid ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fis-suq

(Test b'rilevanza għall-Ftehim EE)

(96/524/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fis-suq⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/12/KE⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tagħha,

Billi d-Direttiva 91/414/KEE ipprovdiet għall-iżvilupp ta' lista tal-Komunità ta' sustanzi attivi ta' pestiċidi awtorizzati;

Billi Rhône-Poulenc Secteur Agro fis-6 ta' Marzu 1996 introduċiet dokument lill-awtoritajiet Olandiżi bil-ħsieb li tikseb l-inklużjoni tas-sustanza attiva isoxaflutole fl-Anness I li jinsab mad-Direttiva; billi l-awtoritajiet Olandiżi indikaw lill-Kummissjoni r-riżultati ta' l-ewwel eżami tal-kompletezza tad-dokument fir-rigward tal-ħtiġiet tat-tagħrif u informazzjoni kif hemm provdut fl-Anness II u, għal mill-anqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih is-sustanza attiva konċernata, fl-Anness III li jinsab mad-Direttiva; billi sussegwentement, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(2), id-dokument kien mogħti mill-applikant lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra;

Billi l-Kummissjoni irriferiet id-dokument lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fil-laqgħa tal-grupp ta' ħidma 'leġislazzjoni' ta' l-istess fit-22 ta' April 1996, matul liema laqgħa l-Istati Membri ikkonfermaw li rċevew id-dokument;

Billi l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva jeħtieġ li jiġi konfermat fuq livell tal-Komunità li d-dokument għandu jiġi meqjus li jissodisfa, fil-prinċipju, il-ħtiġiet tat-tagħrif u informazzjoni hekk kif provdut fl-Anness II u, għal ta' mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih is-sustanza attiva in kwistjoni, fl-Anness III li jinsab mad-Direttiva;

Billi din it-tip ta' konferma hija meħtieġa sabiex issir eżami dettaljat tad-dokument kif ukoll sabiex l-Istati Membri jkunu miftuħa għall-possibiltà li jagħtu awtorizzazzjoni provviżorja

għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza attiva fir-rigward tal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva, u b'mod partikolari l-kondizzjoni li ssir evalwazzjoni dettaljata tas-sustanza attiva u tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fir-rigward tal-ħtiġiet tad-Direttiva;

Billi deċiżjoni bħal dik ma tippreġudikax il-fatt li jista' jintalab aktar tagħrif jew jew informazzjoni mingħand l-applikant fejn jirrisulta waqt l-eżami dettaljat li din l-informazzjoni jew tagħrif hija meħtieġa sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni;

Billi hu mifhum bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni li l-Olanda għandha tipproċedi bl-eżami dettaljat tad-dokument u għandha tirrapporta l-konklużjonijiet ta' l-eżami tagħha akkompanjati b'kull rakkomandazzjonijiet dwar l-inklużjoni jew in-non-inklużjoni u kull kondizzjonijiet relatati ma' l-istess lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn perijodu ta' sena; billi meta jiġi rċevut dan ir-rapport għandu jissokta l-eżami dettaljat bl-għajjnuna esperta mill-Istati Membri kollha fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovidi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-dokument mogħti minn Rhône-Poulenc Secteur Agro lill-Kummissjoni u l-Istati Membri bil-ħsieb ta' l-inklużjoni ta' l-isoxaflutole bħala sustanza attiva fl-Anness I li jinsab mad-Direttiva 91/414/KEE u li kien riferut lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fit-22 ta' April 1996, huwa meqjus li jissodisfa fil-prinċipju l-ħtiġiet tat-tagħrif u l-informazzjoni kif hemm provdut fl-Anness II u, għal prodott li jkun fih is-sustanza attiva konċernata, fl-Anness III li jinsab mad-Direttiva.

⁽¹⁾ ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 65, tal-15.3.1996, p. 20.

Artikolu 2

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Lulju 1996.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membri tal-Kummissjoni
